Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Matthew Kind

Vs

Petroni Ltd

CCT 257/24/CC

Illum 11 ta' Marzu, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ipprezentata fit-12 ta' Dicembru 2024, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' sitt mija u tmenin ewro (€680) rapprezentanti ammont imhallas ghal magna tal-hasil tad-ditta Haier.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn giet ikkontestata t-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, deher l-attur u dehru rapprezentanti tas-socjeta intimata, u entrambi ipproducew il-provi taghhom fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attur u mis-socjeta intimata.

Sema' l-attur Matthew Kind, kif ukoll lil Chanelle Cassar, u lil Edwin Petroni in rapprezentanza tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-18 ta' Frar 2025.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Jannar 2023 l-attur xtara minghand is-socjeta intimata magna tal-hasil tad-ditta Haier ghal prezz totali ta' €680 (sitt mija u tmenin ewro). F'Novembru 2023, l-attur ikkuntatja lis-socjeta intimata, peress li parti mit- 'touchpad' tal-magna tal-hasil ma kienetx qieghda tahdem. Is-socjeta intimata baghtet lit-tekniku taghha, u inbidlet it- 'touchpad'.

Jirrizulta lil-istess problema regghet avverat tmien xhur wara, f'Lulju 2024. Is-socjeta intimata regghet ghal darb'ohra baghtet lit-tekniku taghha, u t- 'touchpad' tal-magna tal-hasil regghet giet mibdula.

Wara erba' xhur, f'Novembru 2024, l-attur ikkuntatja lis-socjeta intimata, fejn din id-darba irrizulta li t- 'touchpad' u d- 'dashboard' ma kienux qedghin jiffunzjonaw. In segwitu ghal ispezzjoni mir-rapprezentant tas-socjeta intimata, irrizulta li d-'dashboard' kien qieghed jitqaxxar. Ingibdet l-attenzjoni ta' l-attur li l-akkadut kien b'konsegwenza li l-magna tal-hasil kienet esposta kontinwament ghal xemx diretta, u sar suggeriment sabiex tigi installata purtiera sabiex tbatti r-raggi tax-xemx, min fuq il-magna tal-hasil. Mill-atti jirrizulta li l-attur irrigetta dan is-suggeriment.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta intimata spjega li d- 'dashboard' hija l-parti ta' quddiem tal-magna tal-hasil, li hija maghmula minn plastik, filwaqt li t- 'touchpad' hija l-parti ta' wara tad- 'dashboard' li tiehu l-command. It- 'touchpad' hija *printed circuit.* Jirrizulta li in vista li d- 'dashboard' ma hijiex koperta mill-garanzija peress li hija tal-plastik, s-socjeta intimata offriet li tigi mibdula d- 'dashboard' mill-attur, u ma thallasx tax-xoghol sabiex din tinbidel.

Illi t-Tribunal jirrimarka li ingibdet l-attenzjoni ta' l-attur sabiex kemm jista jkun jimmitiga l-esposizzjoni tal-magna tal-hasil mill-elementi, partikolarment xemx diretta. Illi mill-atti jirrizulta li l-attur ma hasx li ghandu jiehu dan is-suggeriment, u l-magna baqghet esposta ghax-xemx. It-Tribunal jinnota li s-socjeta intimata offriet lil attur li tibdel id- 'dashboard' li ma hijiex koperta mill-garanzija, b'dan li l-attur ma jhallasx ghat- 'touchpad' u ghax-xoghol sabiex tinbidel id- 'dashboard'. L-istess socjeta intimata ikkonfermat quddiem dan it-Tribunal li din l-offerta kienet qghada vigenti, peress li din l-offerta giet ikkonfermata mir-rapprezentant tas-socjeta intimata seduta stante.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-18 ta' Frar 2025 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur fic-cirkustanzi tal-kaz, hija wahda eccessiva u ma timmeritax akkoljiment.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li s-socjeta intimata offriet soluzzjoni ghad-diffikulta lli rrizultat fil-magna tal-hasil 'Haier' mixtrija mill-attur. Ghalhekk in vista tal-premess, filwaqt li tichad it-talba avvanzata mill-attur, tissolecita lis-socjeta intimata sabiex toffri s-soluzzjoni ikkonfermata seduta stante, b'dan li tibdel id- 'dashboard' li ma hijiex koperta mill-garanzija, u li l-attur ma jhallasx ghat- 'touchpad' u ghax-xoghol sabiex tinbidel id- 'dashboard'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-Talba mressqa mill-attur, ghar-ragunijiet hawn elenkati.

Kull parti thallas l-ispejjez inkorsi minnha f'dawn il-proceduri.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru